# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Jannar, 2000 .

### Avviz numru : 43/1997G2 (PC)

**Michael Camilleri Cauchi .**

**Vs**

**Louis Caruana kemm f'ismu proprju ukif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-Grupp tal-Armar ta' Hal Lija, Malta, u b'degriet, tas-16 ta' Settembru, 1997 gie kjamat fil-kawza Kappillan Nazzareno Caruana, Ufficcju parrokkjali, Hal Lija, Malta .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur talab lil konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba mitt lira Maltija (LM400) jew kull somma ohra li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti l-hlas ghal Statwa ta' San Pietru mahduma fuq struzzjonijiet tieghu u kkonsenjata lilu mill-attur .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji spediti fil-25 ta' Jannar, 1995, fit-12 ta' Gunju, 1995, fid-9 ta' Novembru, 1996 u fit-3 ta' Marzu, 1997, tal-ittri ufficjali spediti f'Dicembru, 1994, f'Lulju 1995 u fi Frar, 1997 u bl-imghaxijiet dovuti skond il-Ligi mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut debitament imharrek ghas-subizzjoni .**

**Rat id-degriet taghha tas-16 ta' Settembru, 1997, li bih gie kjamat fil-kawza l-Kappillan Nazzareno Caruana .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Rat il-verbal tas-26 ta' Jannar, 1999 fejn il-konvenut Louis Caruana hallas il-mertu tal-kawza, ghal hekk l-attur ceda l-kawza fuq il-mertu pero' zamm ferm il-kap tal-ispejjez .**

**Rat il-kapitolu tas-subizzjoni pprezentati fil-konfront tal-konvenut Louis Caruana proprio et nomine, u wkoll tal-kappillan Nazzareno Caruana, liema kapitoli gew pprezentati fl-ahhar udjenza tal-25 ta' Novembru, 1999 . L-istess konvenuti u kjamati fil-kawza naqsu li jattendu ghas-smiegh ta' din il-kawza differita ghal-lum ghas-subizzjoni taghhom, naqsu li jattendu ghas-smiegh tal-kawza .**

**Il-Qorti ghalhekk tqis il-kapitoli ammessi u tiddecidi dwar l-ispejjez tal-kawza billi dawn ghandhom jigi sopportati in solidum bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawza .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
Si4397Pc
(336 words)